**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 127 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Gilbert Bezzina**

Illum 16 ta' Ottubru, 2020,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Gilbert Bezzina detentur tal-karta tal-identità numru 33098G, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli gewwa dawn il-Gzejjer nhar it-8 ta' Dicembru 2018 u fix-xhur ta' qabel:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-

Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Art 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-21 ta' Lulju 2020, fejn fuq ammissjoni, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6 u l-Artikoli 8 (d), 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (i) u (ii) tal Kapitolu 101, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, ir-Regolament 4 tal-GN 292/1939 kif sussegwentement emendati, sabet lill-imputat Gilbert Bezzina hati tal-

imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u wara li ddikjarat li kienet ser tapplika riduzzjoni ta' grad wiehed ghall-finijiet tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, ikkundannatu ghal piena ta' disa' (9) xhur prigunerija effettivi u multa ta' sitt mitt ewro (€600).

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati, esebiti bhala Dokumenti AS 1 u AS 2 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

In oltre, il-Qorti qieghdet lill-hati taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan minhabba l-vizzju tad-droga li ghandu, liema ordni saret ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mid-data tas-sentenza. Il-Qorti wissiet lill-hati bi kliem car u li jiftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Trattament kif ukoll tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-Ordni ta' Trattament, jista' jinghata sentenza ghar-reat li tieghu nstab hati b'din is-sentenza.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Trattament moghti b'Digriet tal-lum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

Finalment, il-Qorti cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Gilbert Bezzina, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Awwissu 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma d-decizjoni appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu ghas-sejbien ta' htija taghha u tirriformaha in kwantu ghall-piena billi taghti piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi kollha tal-kaz skont il-ligi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Gilbert Bezzina huwa wiehed car u manifest u jikkonsisti primarjament rigward il-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi filwaqt li wiehed ma jistax jelimina l-fatt li appell in segwitu ghal ammissjoni huwa wiehed odjuz u dan stante li hekk kif hija l-gurisprudenza kostanti, l-appellant jkun ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu. Madanakollu, l-appellant umilment jikkontendi li l-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, setghet fic-cirkostanzi kollha tal-kaz tkun aktar miti u ghalhekk l-esponenti appellant umilment jitlob tnaqqis fil-quantum tal-piena imposta fuqu;

Illi fuq dan il-punt issir referenza ghall-appell quddiem din l-Onorabbli Qorti Nru. 200/2013 fl-ismijiet **Pulizija vs AB** deciz fis-26 ta' Marzu, 2014 fejn jinghad testwalment:

> "Dan l-aggravju qieghed jingab stante li l-ammont ta' prigunerija u multa mposti fuq l-esponenti mill-Qorti tal-Magistrati jmur kontra kull forma ta' harmonisation ta' pieni u sentencing policy li l-Qrati adoperaw matul is-snin. Kien ghal dan il-ghan li d-difiza ipprezenta s-sentenzi li jinsabu in atti. L-ammont tal-piena jrid necessarjament jkun evalwat mill-ottika tal-hati li jkun ser jiskonta l-piena moghtija. Analizi tal-formula matematika adoperata mill-Ewwel Qorti turi kif lesponenti minhabba traffikar ta' 7 grammi in total wehlet nofs il-piena li wehlet persuna li ttraffika ghal gol-habs kwazi 30 gramma droga. Dan kollu jiehu sfond aktar serju meta jitqies x'jintqal mill-awturi.
>
> "Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2008 jghid: "'Disparity of sentence may occur in a number of different forms. The most obvious is where one co-defendant receives a more severe sentence than the other, when there is no good reason for the difference (see, for example, R v Church, 7 Cr.App.R.(S.) 370, CA). There may equally be disparity when the defendants receive identical sentences, despite relevant differences in their culpability or personal circumstances (see R v. Sykes, 2Cr.App.R.(S.) 173, CA;.... There may equally be disparity where the difference between the sentences imposed on

two defendants either exaggerates the difference in their culpability or personal circumstances (see R. v. Frankson [1996] 2 Cr.App.R(S.) 366,CA, or is insufficient to mark the difference (see R. v. Tilley, 5 Cr.App.R.(S.) CA; R. v. Griffiths [1996] 2 Cr.App.R(S.) 444, CA).' [5-106].

"Il-Blackstone fuq dan il-punt jghid ukoll: "'The failure of the court of sentence to distinguish between offenders when one has powerful mitigation and the other does not can give rise to a successful ground of appeal against sentence." [D25.46]

"L-esponenti ttenni li l-gurisprudenza nostrana uriet kif piena inflitta ghandha tohloq dak il-bilanc bejn l-interessi tal-vittma, tas-socjetà u, b'mod partikolari, talimputat, b'tali mod u manjiera li l-gustizzja trid tkun wahda ristorattiva u mhux biss retributorja. Vide f'dan is-sens is-sentenzi moghtija minn l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza l-Pulizija vs Aaron Pavia et., deciza fil-26 ta' Jannar 2001, u l-Pulizija vs Kevin Psaila deciza mill-Mag. Dr. C Scerri Herrera nhar il-25 ta' April 2005."

Illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-appellant ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni, ammetta fi stadju l-aktar bikri tal-proceduri, ghandu fedina penali netta, l-eta' relattivament zghira tieghu.

Dawn kollha huma fatturi li jimmitagaw a favur l-istess appellant u fl-umli fehma tal-esponenti, hemm ragunijiet bizzejjed sabiex ikun hemm temperament tal-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2020 fejn wara irrimettu ruhhom ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti..

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell huwa limitat għall-piena li ġiet imposta mill-Qorti tal-Maġistrati kif dikjarat minnu fl-ewwel aggravju tieghu. Huwa appell iffukat fuq il-quantum tal-piena li ġiet errogata fil-konfront tal-appellant. Issa kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Tarquin Vella moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija ppernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;

(b) Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali,

immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati li hu proprju dak li jikkoncerna lil din il-Qorti specjalmet fil-kaz ta' reati kommessi minn teenagers kif inhu dan il-kaz. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

F'appelli ta' dan il-ġeneru, il-ġurisprudenza Maltija hija ċara kristall. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid , intqal is-segwenti : -

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

F'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena għalhekk, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena fis-sens li

tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx skont il-kwalita u kwantita stabbiliti mill-Liġi, jew jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva jew addirittura ikunx hemm xi cirkostanza gdida li ma gietx trattata mill-ewwel Qorti.

Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek :

"It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."

Din hija ukoll l-posizjoni li qed titihed konsistentement minn din il-Qorti kemm fil-kompetenza taghha Superjuri kif ukoll Inferjuri.

Il-ġurisprudenza prevalenti, tgħallem li meta Qorti tiġi biex terroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Illi mhemmx dubbju li f'dan il-każ il-piena applikabbli għall-akkużi oriġinarjament miġjuba kontra l-appellant jidħlu fil-parametri tal-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati anzi lejn il-minimu meta hawnhekk qed nitkelmu dwar ir-reati ta' pusess u traffikar tad-droga Kokajina u pusess tal-pjanta Cannabis.

Il-Qorti pero ezaminat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta u rat li qabel ma waslet sabeix taghti l-piena idoneja hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali netta teighu u d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni illi l-imputa ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta u dan bi grad wiehed u ghalhekk dehrilhali f'dawk ic-cirkostanzi kellha timponi piena karcerarja ta' disa' xhur prigunerija effettivi olte li kkundnanatu ihallas multa fis-somma ta' sitt mitt euro (€600). In oltre dehrilha li kellha tordna il-hrug ta' Ordni ta' Trattament ai terminu tal-artikolu 412D tal-kap 9 tal-igijeit ta' Malta fuq l-appellant ghall-perijodu ta' tlett snin

F'dan ir-rigward din il-Qorti fliet l-atti tal-kawza u rat li l-appellant li kellu ghoxrin sena tresaq il-Qorti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura kriminali stante li kien hemm il-kunsens tal -Avukat Generali nhar it-23 ta' Ottubru 2019 u fl-ewwel seduta sussegwenti u cioe nhar il-11 ta' Marzu 2020 l-appellant irregistra ammissjoni wara l isar l-esami u minkejja li inghata hin biex jikkunsdira l-ammissjoni teighu rega ikkonferma l-ammissjoni teighu. Dak il-hin stess l-ufficcjal prosekutur iddikjar ali l-appellant ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal kapitolu 101. L-ufficcjal prosekutur esebixxa pakkett Rothmans b'9 qratas suspettati koajina li

ghandhom piz ta' 5.99g, 2.895g suspetettati krejatina u 1.003g suspettati Cannabis, 1.013g suspettati Cannabis grass u crsher bi tracci tal-cannabis , mizien elettroniku u divesi boroz zghar sachets bicca uzati u ohrajn godda.

Dak in-nhar stess id-difiza talbet li jsir pre-sentencing report u l-Qorti laqghet it-talba tad-difiza u ordnat komunika tal-verbal lid-Dipartiment tal-Probabtion Services u Parole.

Illi nhar il-21 ta' Lulju 2020 xehed Joseph Mizzi l-Probabtion Officer u pprezenta il-pre-sentencing report tieghu li gie markat bhala dok JM1. Minn ezami ta' dan ir-rapport jirrizultta li l-appellant ghandu kaz iehor pendent fuq l-istess tip ta' treat u cioe traffikar ta' droga. Jirrizulta li fir-rigward ta' din il-kawza huwa ma ghamel l-ebda zmien taht arrest preventiv. Jidher li l-appellant irrakonta kif meta kien zghir huwa kien jigi abbuzat fizikament minn missieru fi tfulitu u dan l-agir affettwah ghaliex baqa' ibati minn 'self pity' u jhoss li ma rnexxiex 'l quddiem fil-hajja. Jghid li darba minnhom kellu argument ikrah ma missieru u telaq mid-dar u mar jghix l-Amerika u telaq il-familja. Izda jirrakonta li ta' erbatax-il sena beda jabbuza mill-kokaina b'mod esagerat u baqa' jzrid fl-uzu tad-droga. Dan waslu f'sitwazzjoni fejn ma kienx ikun jiflah jahdem u kien waqaf mix-xoghol. Dan dahu f'cirku fejn beda jabbuza minn tipi differenti ta' droga, beda jittrafika d-droga u zied l-addiction. B'konsegwenza ta' dan inqabad b'ammont ta' droga fuqu. In oltrer jirrizulta li ibati mill-kundizzjonui tal-ADHD izda jiehu trattametn ghal din il-kundizzjoni. Jghid li ta' hdax-il sena kien jiehu il-Cannabis u droga sintetika waqt li ta' erbatax-il sena beda jabbuza mid-droga Kokajina u ghid li kien johodha mal-hbieb. Beda' sahanstitra ibiegh id-droga biex imantni l-vizzju ghaliex b'hekk kien jakkwista id-droga b'xejn ghalih. Qal li kien jiehu id-droga kemm mal-gurnata kif ukoll wara li jirritrona lura mix-xoghol. Qal li huwa qatt ma rrikorra ghall-ghajnuna u ma kellux kuntatti ma agenziji li jghinu f'dan ir-rigward. Test tal-awrina tal-appellant sottomess waqt l-andament ta' dawn il-proceduri ta' risultat negattiv ghall-presenza ta' droga.

Kien biss f'Novembru 2019 li l-appellant beda l-kuntatt mal-OASI fejn waqt il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport beda u temm il-fazi ta' programm residenzjali ta' rihabilitazzjoni (Bejn Frar u Mejju 2020). Fil-prezent jidher li l-appellant ghadu bil-kuntatt mal-OASI fejn qed jippartecipa f'sessjonijiet imsejha 'continued care'.

Fil-prezent jidher li l-appellant hu disokkupat u jghid li il-kazijiet li ghandu pendenti il-Qorti qed izommuh lura milli jsib impieg fiss. Jghid ukoll li jixtieq jghamel kors gdid l- MCAST.

Qal ukoll li f'Lulju 2020 l-appellant ghamel kuntatt mal-psikologa Petra Scilcuna fuq bazi privata sabiex ikollu sessjonijiet ta' terapija dwar hsibijiet li jkollu u jehtieg li jahdem fuqu. Din l-informazzjoni li din il-Qorti ghamlet referenza ghaliha kienet quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk diga' ittihdet in konsiderazzjoni meta l-ewwel Qorti giet biex tapplika l-piena idoneja. Fattur iehor li qalet l-ewwel Qorti li qiset meta giet biex terroga l-piena kien il-fatt li ghandu fedina penali netta bla ebda reat jew kontravenzjoni registrat fuqha .

Il-Qorti regghet semghet lil Probation Officer Jospeh Mizzi jixhed u dan fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2020 u dan in vista tal-fatt li ix-xhieda li huwa ta' quddiem l-ewwel Qorti ma gietx dattilografata u ma tinsabx inserita fil-process. San spjega li beda isegwi lill-appellant fuq Ordni provisorja li harget f'Dicembru 2019 li ghadha attiva konnessa ma provceduri ohra li ghadhom subjudice. Jghidukoll li kien gie nitlub jipprezenta pre-sentencing report in konnessjoni ma din il-kawza liema rapport jinsab esebit fl-atti u market bhala dok JM1. Qal li l-appellant ghadu ghaddej bir-recovery sessions. Jikkomunika mal-key worker tieghu sabiex jiehu s-support li jista'. Giet ukoll mahtura psikologa Petra Scicluna u ghadu f'kuntatt maghha, jispejga li kien jafha qabel meta kien ghamel zmien il-YOURS. Fil-present jinsab ghaddej f'kuntatt ma Jessica Vella u Steve Borg ta' Embark for Life biex isib impieg u jtuh support li ghandu bzonn. Jghid li kien ghamel zmien jahdem fix-xoghol ta' kostruzzjoni izda ma baqax u waqaf minn rajh. Il-bierah stess kien ipprezenta application ghax xoghol. Ikkonferma li it-testijiet tal-awrina li qed ighati qed ighatu risultat negattiv ghall- presenza ta' droga.

Jidher ghalhekk li minn meta inghata is-sentenza sa illum il-gurnata is-sitwazzjoni ma tbidlet xejn u din il-Qorti ma hiex rinfaccjata b'xi provi godda li ghandhom iwasluha sabiex tbiddel id-diskrezzjoni ta' l–ewwel Qorti meta giet biex taghti l-piena.

Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghall-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci , fejn gie affermat li mhux normali li din il-Qorti tal-

Appell tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler ;-"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena)". (Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard )".

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet fuq imsemmija kif ukoll minhabba il-fatt li tali reati qed jikkawzaw hsara kbira lis-socjeta' specjalement liz-zaghzagh u ghalhekk din il-Qorti qeda tikkonferma s-sentenza appellata kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur